# Il-Ħadd 17.10.2021

1. Illum 17/10:
   - Infakkar li llum Mons. Arċisqof Charles Scicluna ser jiċċelebra quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fil-bidu tal-proċess ta' thejjija min-naħa tal-Arċidjoċesi ta' Malta lejn is-Sinodu tal-Isqfijiet li se jsir fl-2023, bit-tema: *"Lejn Knisja Sinodali – Komunjoni, Parteċipazzjoni, u Missjoni"*, liema quddiesa ser tkun trasmessa fuq TVM fid-9:30am u fuq il-media soċjali tal-Knisja f'Malta. Mistednin insegwu u nitolbu.
   - L-ACN (Aid to the Church in Need) qed tippromwovi l-Kampanja *"Miljun tifel u tifla madwar id-dinja jitolbu r-Rużarju għall-għaqda u l-paċi."* Għalhekk qed tistieden lit-tfal kollha biex xi ħin matul dan il-jum, mal-ġenituri/kustodji tagħhom, jingħaqdu flimkien ma' tfal minn madwar id-dinja kollha f'inizjattiva tat-talba tar-Rużarju għall-ftehim, l-għaqda, u l-paċi fid-dinja.
2. It-Tnejn 18/10:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Adolexxenti li ser jagħmlu l-Griżma mal-Kappillan fil-Knisja Parrokkjali.
3. L-Erbgħa 20/10:
   - Mill-5:00pm sas-6:00pm - Qrar għall-Adolexxenti li ser jagħmlu l-Griżma fil-Knisja Parrokkjali.
4. Il-Ħamis 21/10:
   - Fis-7:15pm - Rehearsal u l-aħħar preparamenti għall-Griżma fil-Knisja Parrokkjali.
5. Il-Ġimgħa 22/10:
   - Mill-5:00pm sas-6:00pm - Qrar għall-Ġenituri, parrini u dawk involuti fil-Griżma.
6. Is-Sibt 23/10:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-Abbatini.
7. Il-Ħadd 24/10, **Jum il-Missjoni *u Jum il-Griżma tal-Isqof***:
   - Marbuta ma' dan il-jum, ser nagħmlu Lotterija fuq iz-zuntier tal-knisja, u l-offerta tal-quddies tkun bil-għan li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' karità. Infakkru wkoll li rċevejtu bil-posta envelops apposta. Tistgħu tibgħatu l-offerta tagħkom lill-Uffiċċju Missjunarju jew tgħadduha hawn jew lill-Kappillan, bħalma soltu nagħmlu.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma.
     *Nifirħu lil dawk li ser jirċievu dan is-Sagrament: 7 subien u 10 bniet.*
     *Infakkar li jistgħu jattendu biss il-familja u xi qraba.*
8. Avviżi oħra:-
   - Illum 17/10, mit-8:30am sas-1:00pm ser ikun hemm il-*Mobile Blood Donation Unit* maġenb il-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 135 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 30 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.